MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1134/1994/1

**Anthony Micallef Grimaud**

**v.**

**Alfio Micallef Grimaud, Manwel Micallef Grimaud, Aurelio Micallef Grimaud, Doris mart Carmel Caruana xebba Micallef Grimaud, Nancy mart il-mejjet Aldo Micallef Grimaud
u uliedha Audrey u Ian ghal kull interess li jista' jkollhom
u kif ukoll Michael u Maureen konjugi Zammit Tabona ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Settembru 1994 l-attur ppremetta illi huwa jippossedi parti wahda minn sitta ($^{1}/_{6}$) indivisi tal-fond numru erbatax (14) li jinsab f'Main Street, Naxxar; illi kull wiehed minn hut l-attur u cioe` l-konvenuti Alfio Micallef Grimaud, Manwel Micallef Grimaud, Aurelio Micallef Grimaud, Doris nee` Micallef Grimaud mart Carmel Caruana u kif ukoll Nancy mart hu l-attur, il-mejjet Aldo Micallef Grimaud u possibilment uliedha Audrey u Ian, jippossedu l-bqija tal-hames partijiet minn sitta ($^{5}/_{6}$) indivizi bejniethom tal-fond imsemmi; illi ricentement l-attur skopra li l-hames hutu konvenuti kienu dahhlu f'konvenju mal-konvenuti l-ohra Michael u Maureen konjugi Zammit Tabona biex ibieghu sehemhom f'din id-dar; illi dan kollu sar meta l-attur kien qieghed barra minn Malta peress li qed jahdem u jistudja temporanjament gewwa l-Ingilterra; illi ricentement meta gie Malta fit-18 ta' Awissu nduna illi l-ghamara, l-kotba u oggetti ohra li kienu fid-dar u li l-attur ghandu sehem minnhom kienu nghataw lil Eleno Mamo (auctioneer) biex jitpoggew ghall-bejgh bl-irkant minghajr il-kunsens ta' l-attur; illi meta pprova jidhol fid-dar skopra li kienet tbiddlet is-serratura tal-bieb ta' barra minghajr ebda kunsens ta' l-attur u minghajr ma kien ipprovdut b'kopja tac-cavetta l-gdida b'mod illi ma kellux access ghal din id-dar minkejja li jippossedi sehem minnha; illi meta staqsa ghall-kopja tac-cavetta biex ikun jista' jidhol fil-fond imsemmi, anke permezz ta' ittra ufficjali ta' l-1 ta' Settembru 1994, il-konvenuti espressament irrifjutaw u naqsu li jaghtu kopja tac-cavetta lill-attur kif inhu dritt li jkollu; illi dan l-agir illegali u abuziv tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti, klandestin, illecitu u ricenti ghad-dannu ta' l-attur; illi l-konvenuti kienu nterpellati sew verbalment u sew b'ittra ufficjali ta' l-ewwel (1) ta' Settembru 1994 sabiex jiddezistu minn dan l-agir illegali u l-konvenuti baqghu inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

(1) tiddikjara li l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll ghad-dannu ta' l-attur fit-termini ta' l-Artikolu 534 et seq tal-Kodici Civili;

(2) tikkundanna biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, il-konvenuti jispurgaw l-ispoll minnhom kommess ghad-dannu ta' l-attur;

(3) jergghu jirreintegraw lill-attur fil-pussess tal-fond msemmi billi jikkonsenjawlu cavetta tas-serratura l-gdida sabiex ikollu acess ghal fond li tieghu ghandu l-pussess ta' parti minn sitta ($^1/_6$) indivizi, u billi jirtiraw u jirkupraw l-oggetti kollha li kienu jinsabu fid-dar u li nghataw jew tpoggew ghall-bejgh anke ghand terzi persuni minghajr il-kunsens ta' l-attur kif fuq inghad;

(4) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-sehem li hu dovut lill-attur f'kaz li l-oggetti li kienu jinsabu fil-fond imsemmi huma gia` mibjugha minghajr il-kunsens ta' l-attur stante li dawn ikunu mibjugha b'agir illegali li jikkostitwixxi spoll ghad-dannu ta' l-attur;

(5) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali ta' l-ewwel ta' Settembru 1994 u tal-mandati ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

B'nota pprezentata fis-16 ta' Novembru 1994 il-konjugi Michael u Maureen Zammit Tabone (fol. 13) eccepew:

1. Illi huma l-attwali proprietarji ta' $^5/_6$ tal-fond 14 Main Street, Naxxar;

2. Illi huma ma kkommettew l-ebda spoll kontra l-attur, izda nghataw l-pussess tal-fond minghand min fil-fatt kellu l-pussess attwali u tahom access ghall-fond minghajr forza ta' xejn;

3. Illi huma ma hadu l-ebda oggetti mobbli li jappartjenu lill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

B’nota pprezentata fit-22 ta’ Novembru, 1994 il-konvenuti ahwa Micallef Grimaud (fol. 15) eccepew:
1. Illi huma ma kkommettew l-ebda spoll kontra l-attur;

2. Illi kull ma sar mill-eccipjenti sar bi ftehim bejn il-partijiet jew kif ghandhom dritt skond il-ligi

Salvi eccezzjonijiet ohra;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-13 ta’ Jannar, 2006 bil-mod segwenti:
“Ghal dawn il-motivi:

“Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

“1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll ghad-dannu ta' l-attur fit-termini ta' l-artikolu 535 tal-Kodici Civili;

“2. Tikkundanna lill-konvenuti Michael u Maureen konjugi Zammit Tabona biex fi zmien xahar millum jispurgaw l-ispoll billi jikkonsenjaw lill-attur kopja tac-cavetta tal-fond 14 Main Street, Naxxar;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti ahwa Micallef Grimaud biex fi zmien tliet xhur millum jirtiraw u jirkupraw l-oggetti kollha li kienu jinsabu fid-dar u li nghataw jew tpoggew ghall-bejgh ghand terzi persuni minghajr il-kunsens ta' l-attur;

“4. Tikkundanna lill-konvenuti ahwa Micallef Grimaud ihallsu lill-attur s-somma ta' mija u tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm180.67) rapprezentanti s-sehem dovut lill-attur mir-rikavat tal-bejgh ta' l-oggetti mobbli indikati fid-Dok. EM1 u Dok. EM2, b'rizerva ta' kull somma ohra spettanti lill-attur mill-bejgh ta' xi oggetti ohra.

“Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal sest kull wiehed mill-ahwa Micallef Grimaud (sest Alfio Micallef Grimaud, sest Manwel Micallef Grimaud, sest Aurelio Micallef Grimaud, sest Doris Caruana u sest Nancy Micallef Grimaud u uliedha Audrey u Ian) u sest mill-konjugi Zammit Tabona.”

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ikkunsidrat:

“Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jezercita l-azzjoni ta' spoll ikkontemplata mill-artikolu 535 tal-Kodici Civili. Sabiex tirnexxi din l-azzjoni, hemm tliet elementi jew rekwiziti illi jridu jirrizultaw ippruvati: (1) il-pussess jew detenzjoni, (2) il-fatt ta' l-ispoll u (3) illi l-azzjoni giet istitwita fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll.

“*Terminu*

“Qabel xejn, wiehed ghandu jistabilixxi jekk l-azzjoni promossa mill-attur gietx ipprezentata fiz-zmien ta’ xahrejn stipulat mil-ligi.

“Fid-dikjarazzjoni tal-fatti tieghu l-attur qal li hu kien wasal hawn Malta mill-Ingilterra fit-18 ta’ Awissu, 1994, u konsegwentement kien skopra li l-ghamara, kotba u oggetti ohra ta’ valur fil-fond li minnhom kellu sehem, kienu gew fdati f’idejn Eleno Mamo ghall-bejgh fl-irkant. Meta l-attur ittenta jidhol fil-fond in kwistjoni, sab li ma setax ghaliex kienet tbiddlet is-serratura. Ghalhekk kien talab lill-konvenuti ghal kopja tac-cavetta, ukoll permezz ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-1 ta’ Settembru, 1994, izda baqghu jirrifjutaw li jaghmlu dan. Il-kawza odjerna giet intavolata minnu fid-9 ta’ Settembru, 1994. Ghalhekk, u tenut kont ukoll tal-fatt li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar dan, jirrizulta li l-azzjoni giet intavolata fiz-zmien ta’ xahrejn preskritt mil-ligi.

“*Pussess*

“Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet Philip Gatt et vs Mario Cini et, f'azzjoni ta' spoll, "huwa

mehtieg li jintwera li, fil-waqt li sar l-ghemil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt. Minbarra dan, il-pussess ma ghandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun ghal waqt qasir, u l-Qorti ghandha tillimita ruhha biss biex tqis il-fatt tal-pussess u dak ta' l-ispoll. Mhux mehtieg li l-pussess li jista' jithares minn azzjoni bhal din ikun wiehed esklussiv. Huwa maghruf ukoll li din l-azzjoni thares il-pussess ta' ezercizzju ta' dritt."

“Ma jirrizultax kontestat il-fatt li l-attur kellu l-proprjeta` ta’ parti minn sitta mill-fond in kwistjoni u wkoll kien ko-proprjetarju fir-rigward ta’ diversi mobbli kontenuti fl-istess fond. Ma jirrizultax kontestat ukoll dak li jiddikjara fl-affidavit tieghu l-attur a fol 6 li ‘F’dan il-fond jiena kelli l-affarijiet personali tieghi bil-kamra tieghi b’kollox …’ Dan jirrizulta wkoll minn Dok. AMG a fol 47 ipprezentat mill-konvenut Alfio Micallef Grimaud stess. Issa, minn dak li xehed l-attur fl-affidavit tieghu a fol 7, jirrizulta li hu kellu access ghall-fond qabel dan ma nbiegh. Difatti, inter alia, jghid li ftit wara li wasal hawn Malta fit-22 ta’ Mejju, 1994, hu kien mar jispezzjona l-istess fond bil-hsieb li jixtri s-sehem ta’ hutu u meta rritorna Malta f'Awissu, skopra li kienet inbiddlet is-serratura meta mar biex jiftah il-bieb ta' barra u ma setax jidhol. Jigifieri l-attur kellu cavetta ta' l-imsemmi fond. Konsegwentement jirrizulta abbondantement li huwa kellu wkoll pussess, ghalkemm mhux esklussiv, ta' l-istess fond.

“*Spoll vjolenti jew klandestin*

“Fil-kaz odjern jirrizulta mill-provi migbura li f’Awissu, 1994, l-attur gie mcahhad mill-access ghall-fond in kwistjoni u ghalhekk ukoll l-oggetti kontenuti f’dak il-fond li minnhom kellu sehem u ohrajn li kienu jappartjenu lilu. Fl-affidavit tieghu a fol 9 spjega kif meta rega’ gie hawn Malta ftit wara fit-18 ta’ Awissu, 1994, hu kien mar biex jidhol fil-fond u sab li kienet inbiddlet is-serratura. Jigi rilevat li dan il-fatt gie konfermat mix-xhud Patrick Vassallo li fix-xiehda tieghu a fol 30 spjega li fit-18 ta’ Awissu, 1994, meta l-attur kien gie Malta ghal xi xahar, hu kien mar mieghu filghaxija tad-19 ta’ Awissu, 1994, sabiex jikkonfermaw flimkien li c-cavetta ma kinitx taqbel u fil-fatt

hekk kien. Fit-tieni affidavit tieghu l-attur iddikjara li hu kien avvicina lil Alfio fuq din il-kwistjoni, u dan qallu li huh Manwel kellu c-cavetta. Izda dan ta' l-ahhar qallu li Alfio kellu c-cavetta l-gdida wara li kienu biddlu s-serratura ghaliex kienu bezghana li l-attur kien ser jidhol u joqghod fid-dar. Imbaghad sussegwentement infurmah li kienu taw ic-cavetta lill-konvenut Michael Zammit Tabona. Dan kollu jinstab konfortat bix-xiehda ta' l-irkantatur Eleno Mamo li ddikjara fid-deposizzjoni tieghu li kull darba li hu mar fil-fond, inkluz fit-12 ta' Awissu, 1994, kien hemm Alfio Micallef Grimaud mieghu. Ghal darb'ohra dawn il-fatti ma jirrizultawx kontestati bl-ebda mod mill-istess konvenuti Micallef Grimaud.

"Meta xehed l-istess Alfio Micallef Grimaud a fol 45, dan qal li c-cwievet tal-fond kienet hadithom maghha ommu meta marret toqghod il-Mosta u kienet tatihomlu sabiex imur jittawwal minn zmien ghal zmien. Darba minnhom meta mar ma' huh Emanuel, sab li s-serratura kienet iebsa hafna u ghalhekk kienu biddlu l-istess. Imbaghad, u ghandu jinghad nonostante l-fatt li kienu jafu li huhom kien ghadu proprjetarju ta' porzjon minn sitta, peress li kien sar konvenju mal-konjugi Zammit Tabona huma taw ic-cwievet lilhom u ma jirrizultax li ghaddew wahda lill-istess attur. Ix-xiehda tieghu giet ikkonfermata mill-konvenuti Aurelio Micallef Grimaud u Doris Caruana. Min-naha taghhom, il-konvenuti l-ohra Manwel Micallef Grimaud u Nancy Micallef Grimaud flimkien ma' wliedha Audrey u Ian, ma kkontestawx dawn il-fatti u jigi osservat li bl-ebda mod ma ttentaw jiddisassocjaw ruhhom mill-agir mehud mill-konvenuti l-ohra.

"Imbaghad fil-kontro-ezami a fol. 91 il-konvenut Alfio Micallef Grimaud jghid li ma setax jiftakar jekk ic-cwievet lill-konvenuti konjugi Zammit Tabona kienu tawhomlhom mal-konvenju jew mal-kuntratt. Iddikjara pero` li wara li tbiddlet is-serratura, ic-cavetta l-gdida kienet baqghet ghandhom ghal ftit jiem u mbaghad ghaddewha lill-istess Zammit Tabona u li lill-attur qatt ma tawh kopja. B'hekk jirrizulta li l-attur gie negat mill-access liberu mill-konvenuti Micallef Grimaud.

“Dwar l-ghamara, Patrick Vassallo qal li f’Mejju ta’ l-istess sena, hu kien mar flimkien ma’ l-attur u r-ragel ta’ ohtu Dora sabiex ghamlu inventarju tal-kontenut. Meta mbaghad ix-xhud skopra f’Awissu ta’ l-istess sena li l-ghamara kienet spiccat ghand l-irkantatur Eleno Mamo, hu kien mar ghandu, sab li l-bicciet ta’ ghamara kienu ferm inqas fin-numru u bil-permess tieghu ha xi ritratti. Inghata wkoll minghandu lista ta’ dik l-ghamara li esebiha bhala Dok. PV, flimkien mar-ritratti mehuda minnu Dok. PV1. L-istess Eleno Mamo fix-xiehda tieghu a fol 39 ikkonferma li hu l-attur Alfio kien avvicinah sabiex ibiegh l-ghamara bl-irkant. Kien ukoll qallu li kien qed jitkellem ghan-nom tal-familja. Imbaghad hu kien ghamel inventarju ta’ l-oggetti mghoddija lilu li kkonferma hija esebita bhala Dok. PV. L-istess Eleno Mamo qal li kien ircieva mandat biex ma jbieghx l-oggetti izda li beda jbieghhom meta sussegwentement ircieva digriet tal-Qorti li kien jawtorizzah li jbiegh l-oggetti in kwistjoni; ghalhekk hu kien poggihom f’irkantijiet ohra u kien biegh hjdax-il bicca minn ghoxrin filwaqt li l-kumplament kienu baqghu ghandu u kien ser ipoggihom ghall-bejgh f’irkantijiet ohra. Ir-rikavat ta’ l-oggetti mibjugha tah lil Alfio Micallef Grimaud u dan skond l-ircevuti Dok. EM1 u Dok. EM2 esebiti. L-istess Alfio Micallef Grimaud xehed li l-oggetti kienu nbieghu bil-kunsens ta’ l-attur ukoll. Ipprezenta lista ta’ l-oggetti Dok. AMG li kienu baqghu fid-dar, fosthom diversi oggetti taht il-kap Kamra ta’ Tonio.

“Il-konvenut Michael Zammit Tabona min-naha tieghu fix-xiehda a fol 59 ma qabilx ma’ dak li qal il-konvenut l-iehor Alfio Micallef Grimaud. Hawn iddikjara li hu kien ircieva c-cwievet fuq l-att finali wara li l-ahwa Micallef Grimaud kienu hadu l-ghamara. Pero` dettalji dwar id-data ta’ dan il-kuntratt jew prova dokumentarja tieghu ma ngabitx, la minnu u lanqas mill-konvenuti l-ohra. L-istess jinghad fir-rigward tal-konvenju ffirmat bejn il-konvenuti. L-unika prova koncernanti l-imsemmi konvenju jirrizulta mit-tieni affidavit ta’ l-attur fejn qal li hu kien skopra li hutu kienu ffirmaw madwar xahrejn wara li hu kien telaq minn Malta fit-12 ta’ Gunju, 1994. Fil-fatt ikkonfermalu l-iskrivan tan-Nutar John Spiteri li dan sar fl-1 ta’ Awissu, 1994. L-istess konvenut Michael Zammit Tabona kompla biex

jghid li mbaghad hu biddel is-serratura ftit gimghat wara, u dan minghajr ma kien jaf min kellu kopja taghha u jinghad ukoll minghajr ma assigura li jghaddi kopja lill-attur li kien ben saput bhala ko-proprjetarju mieghu.

"Minn dan kollu jidher car li t-tliet elementi mehtiega biex tirnexxi azzjoni ta' spoll jirrizultaw debitament pruvati. Konsegwentement l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuti kollha. It-tieni talba attrici ma tistax tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuti Micallef Grimaud fir-rigward tal-fond peress illi huma bieghu sehemhom lill-konvenuti konjugi Zammit Tabona u l-pussess de facto llum jinsab f'idejn l-istess konjugi Zammit Tabona. L-istess jinghad ghar-rigward ta' l-ewwel parti tat-tielet talba attrici dwar il-konsenja tac-cavetta. Ghar-rigward tat-tieni parti tat-tielet talba attrici ghall-irtirar u rkuprar ta' l-oggetti li kienu jinsabu fid-dar in kwistjoni, din ghandha tigi milqugha fir-rigward tal-konvenuti Micallef Grimaud, b'dana pero` li rrizulta mix-xhieda ta' l-irkantatur Eleno Mamo li diga` nbieghu l-oggetti elenkati f'Dok. EM1 u Dok. EM2 u li sallum jista' jkun li dan kompla biegh ir-rimanenti ta' l-oggetti fdati lilu. Fir-rigward tar-raba' talba attrici ghall-hlas ta' sehemu mill-oggetti li kienu jinsabu fil-fond u llum jinstabu mibjugha, il-konvenuti Micallef Grimaud ghandhom jaghtu lill-attur parti minn sitta tat-total ricevut mir-rikavat tal-bejgh ta' dawk l-oggetti li sallum inbieghu mill-irkantatur Eleno Mamo (total ta' Lm1,084 li jfisser li sehem l-attur huwa ta' Lm180.67), b'rizerva ghal sehemu mill-bejgh li seta' sar ta' xi oggetti ohra."

**L-appelli pprezentati.**

Minn din is-sentenza hassew ruhhom aggravati u konsegwentement interponew appelli kemm il-konvenuti konjugi Zammit Tabona kif ukoll uhud mill-konvenuti Micallef Grimaud.

Il-konjugi Zammit Tabona pprezentaw rikors fl-1 ta' Frar, 2006 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellat. L-istess ghamlu l-konvenuti Alfio, Manwel, Aurelio u Doris ahwa Micallef Grimaud u dana

b’rikors intavolat fl-istess data bhal dak tal-konjugi Zammit Tabona.

L-appell tal-konjugi Zammit Tabona gie dikjarat dezert fl-udjenza tat-8 ta’ April, 2008 billi l-appell ma giex kawtelat skond il-ligi.

Fl-udjenza tad-29 ta’ April, 2008 l-appell ta’ Alfio Micallef Grimaud et gie ukoll dikjarat dezert inkwantu ma giex notifikat lill-partijiet kollha entro t-terminu ta’ sena kif rikjest skond il-ligi. Sussegwentement b’digriet tat-30 ta’ Mejju, 2008 id-digriet ta’ dezerzjoni fir-rigward ta’ l-appell ta’ Alfio Micallef Grimaud et gie revokat *“contrario imperio*” u dan l-appell gie trattat fl-udjenza tal-24 ta’ Gunju, 2008 u mholli ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**Ikkunsidrat:**

L-aggravju tal-appellanti huwa ippernjat fuq l-element tal-pussess bhala rekwizit ghall-azzjoni ta’ spoll billi qed jigi sottomess li dan l-element kien nieqes u ghalhekk l-azzjoni ma tistax tirnexxi. Infatti dawn ighidu hekk fir-rikors ta’ l-appell taghhom:
“Illi l-ewwelnett attur f’kawza ta’ spoll jrid jipprova li huwa kellu il-pussess, li minnu huwa gie spoljat.

“Illi mill-provi prodotti anke mill-attur stess irrizulta li d-dar “*de quo*” kienet tghix fiha omm l-attur u l-appellanti, u dan fi zmien meta l-attur appellat kien jghix barra.

“Illi fiz-zmien rilevanti meta l-attur jallega li gie spoljat, l-istess omm il-kontendenti Micallef Grimaud ma kenitx tghix iktar fid-dar.

“Illi hawnhekk l-attur appellat allura kellu jipprova bil-mod li trid il-ligi li huwa f’daz-zmien kellu il-pussess attwali, u dan ghalhekk bl-ahjar prova.

“Illi l-ahjar prova fic-cirkostanzi attwali kienet il-produzzjoni ta’ omm il-kontendenti li ghadha mimlija bl-ghomor sallum. Din il-prova ma saritx.

"Illi l-attur semma' li ma nghatax pussess minn tnejn minn hutu. Dan mhux kontestat, izda ma jfissirx li b'hekk huwa diga kellu il-pussess.

"Illi jekk bhala ko-proprjetarju l-attur appellat kellu, ossia ghandu, xi pretensjoni naxxenti mit-titolu tieghu, dik il-pretensjoni ghandha ssib sfog f'azzjoni apposta izda zgur mhux azzjoni possessorja.

"Illi l-azzjoni attrici hija immirata kontra kull min kellu sehem fil-fond '*de quo*' u l-konvenuti l-ohra Zammit Tabona li akkwistaw hames sesti mit-titolu.

"L-"*actio spolii*" trid tkun diretta kontra minn attwalment kkommetta l-att spoljattiv, u mhux kontra min jidhirlu l-attur li seta' b'xi mod kien koncernat "ghal kull interess li jista' jkollu."

**Ikkunsidrat:**

L-aggravju tal-konvenuti appellanti kif riprodott hawn fuq jammonta fis-sustanza ghal talba sabiex tigi riveduta d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li rrizultaw quddiemha. Issa huwa ben rikonoxxut li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ghandha toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi ta' l-ewwel Qorti hlief meta jirrizulta li b'dak l-apprezzament tkun ser tinholoq ingustizzja li ma tistax tigi rimedjata mod iehor. Fil-kaz in ezami izda jidher li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed korrett u gust fic-cirkostanzi tal-kaz.

Jirrizulta li fiz-zmien meta gie perpetrat l-allegat spoll l-attur kien jghix barra minn Malta billi kien jinsab hemm in konnessjoni ma studju ta' arkitettura u muzika. B'dana kollu l-attur, li huwa wiehed mill-ahwa Micallef Grimaud, kellu kamra tieghu fejn jorqod fid-dar in kwistjoni li kienet tal-genituri tieghu u kellu ukoll go fiha effetti mobbili tieghu. Barra minn hekk jirrizulta li kellu cavetta tal-istess dar biex meta jrid jaccedi go fiha. Izda irrizulta li meta l-attur gie lura minn barra ma setghax jidhol fl-imsemmija dar billi l-konvenuti hutu kienu bidlu s-serratura u ghalhekk

ic-cavetta ma qablitx. Mhux hekk biss, talli meta talab lill-hutu biex jghatuh kopja tac-cavetta l-gdida dawn irrifjutaw. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jammonta ghall-spoll billi l-attur gie negat milli jidhol fil-fond li ghalih huwa kellu access liberu, u konsegwentement il-pussess tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u cioe`:
“Ma jirrizultax kontestat il-fatt li l-attur kellu l-proprjeta` ta' parti minn sitta mill-fond in kwistjoni u wkoll kien ko-proprjetarju fir-rigward ta' diversi mobbli kontenuti fl-istess fond. Ma jirrizultax kontestat ukoll dak li jiddikjara fl-affidavit tieghu l-attur a fol 6 li ‘F'dan il-fond jiena kelli l-affarijiet personali tieghi bil-kamra tieghi b'kollox …' Dan jirrizulta wkoll minn Dok. AMG a fol 47 ipprezentat mill-konvenut Alfio Micallef Grimaud stess. Issa, minn dak li xehed l-attur fl-affidavit tieghu a fol 7, jirrizulta li hu kellu access ghall-fond qabel dan ma nbiegh. Difatti, inter alia, jghid li ftit wara li wasal hawn Malta fit-22 ta' Mejju, 1994, hu kien mar jispezzjona l-istess fond bil-hsieb li jixtri s-sehem ta' hutu u meta rritorna Malta f'Awissu, skopra li kienet inbiddlet is-serratura meta mar biex jiftah il-bieb ta' barra u ma setax jidhol. Jigifieri l-attur kellu cavetta ta' l-imsemmi fond. Konsegwentement jirrizulta abbondantement li huwa kellu wkoll pussess, ghalkemm mhux esklussiv, ta' l-istess fond.”

Fic-cirkostanzi l-appell tal-konvenuti Alfio, Manwel, Aurelio u Doris mizzewga Caruana, ahwa Micallef Grimaud qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha b'dana li t-terminu ta' tlett xhur impost fuq il-konvenuti ahwa Micallef Grimaud fis-sentenza appellata jibda jiddekorri millum (ovvjament it-terminu ta' xahar impost fuq il-konvenuti konjugi Zammit Tabona beda jiddekorri mid-data li l-appell tahhom gie dikjarat dezert). L-ispejjez ta' dan l-appell jkunu kollha a kariku tal-konvenuti Alfio, Manwel, Aurelio u Doris mizzewga Caruana, ahwa Micallef Grimaud; fil-waqt li l-ispejjez tal-appell interpost mill-konjugi Zammit Tabona u, kif inghad hawn fuq, gie dikjarat dezert, jkunu a karigu tal-istess konjugi Zammit Tabona.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------